ALDA
European Association
for Local Democracy

LADDER
LOCAL AUTHORITIES AS DRIVERS FOR DEVELOPMENT
EDUCATION AND RAISING AWARENESS

With the financial
support of the EU

# Awtoritajiet Lokali u s-Socjeta` Ċivili bhala 'MULTIPLIERS' biex iqajmu kuxxjenza u jqabbdu ċ- ĊITTADINI



# Il-proġett fil-qosor


5 ta' Ġunju 2015
Kumitat tar-Reġjuni
Brussell, Belġju

LADDER huwa proġett ta' 3 snin li huwa ko-finanzjat mill-UE taħt il-programm DEAR.

L-iskop huwa li jsaħħah l-azzjoni meħuda minn **Awtoritajiet Lokali għal Development Education and Awareness Raising (ara s-sezzjoni "Informazzjoni ta' l-iSfond - x'inhu DEAR?" fl-UE u fl-'Ewropa mkabbra' (pajjiżi li aċċedew u area ta' Viċinat Ewropew).**

**36 Xahar ta' xogħol** Il-proġett beda f'Jannar 2015 u huwa mistenni li jispiċċa f'Diċembru 2017

**36 Pajjiż** (19 UE, 17 mhux UE)

**27 Ko-applikanti**

**19 Imsieħba**

**1 Sfida Maġġuri** Il-Promozzjoni ta' l-Iżvilupp Edukazzjoni u Tqajjim ta' Kuxxjenza (DEAR)

## Għalfejn dan il-proġett?

Dan il-proġett huwa importanti ghaliex... hemm bżonn li ċ-ċitaddini jkunu informati fuq kwistjonijiet ta' żvilupp, li tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni tagħhom mil-livell lokali, inkluż azzjonijiet individwali u kollettivi ghall-iżvilupp. Fuq kollox huwa dwar l-eradikazzjoni tal-faqar, iżda wkoll dwar ftehim u rispett reċiproku tad-drittijiet tal-bniedem, id-diversita` u s-solidarjeta`, u ħafna affarijiet oħra!

## Għal min hu intiż?

**Awtoritajiet Lokali (LAs) u Għaqdiet tas-Soċjeta` Ċivili (CSOs).** Peress li jaħdmu flimkien, għandhom kapaċita` ta' 'multiplier' konsiderevoli u jistgħu ikunu mexxejja għal bidla fil-livell lokali.

**Il-benefiċjarji aħħarin huma ċ-ċittadini ordinarji:** LADDER huwa intiż biex iqajmilhom kuxxjenza dwar kwistjonijiet globali (ta' perjodu qasir), biex jippromwovi il-parteċipazzjoni tagħhom fi sfidi globali u l-eradikazzjoni tal-faqar (ta' perjodu medju) u biex iwassal għal bidla fl-attitudni għal sfidi globali u ta' żvilupp (ta' perjodu twil), u dan b'sintonija ma' l-għanijiet tal-programm DEAR.



**X'inhuma l-miri ta' LADDER?**
Għandu għan **1 globali**: **itejjeb u jkabbar l-azzjoni ta' Awtoritajiet Lokali f'politiki DEAR ta' l-UE**, b'referenza speċjali għall-area ta' Viċinat UE. Biex isir hekk, jinkludi 4 għanijiet speċifiċi:

**1.** Tissaħħaħ il-kapaċita` ta' LAs u CSOs biex jaġixxu b'mod sostenibbli bħala mexxejja fl-iżvilupp, u jkattru r-rwol tagħhom ta' 'multipliers' f'pajjiżhom, il-komunitajiet tagħhom u -netwerks tagħhom

**2.** Tinforma, tqajjem kuxxjenza u tinvolvi liċ-ċittadini f'kwistjonijiet globali, interdipendenza globali u edukazzjoni fl-iżvilupp

**3.** Tiżviluppa u tirrafforza l-koperazzjoni bejn LAs u CSOs, u twassalhom għal sinerġiji rebbieħa

**4.** Ittejjeb metodi DEAR f'sistema edukattiva mhux formali, bl-iżvilupp ta' metodi u għodda ġodda u innovattivi ndirizzati lil qasam wiesgħa ta' 'stakeholders' (inkluż edukaturi, ħaddiema mall-Gvern, NGOSs, mexxejja taz-zagħzagħ eċċ.)

## IL-PROĠETT

Billi jkopru spettru wiesgħa ta' attivitajiet biex iwaslu għal konkluzjoni sostenibbli u mimlija kontenut, l-attivitajiet tal-proġett LADDER jaqgħu taħt 5 dimensjonijiet, li kollha jikkontribwixxu lejn l-istess għan:

**1.** Riċerka
**2.** Tkabbir ta' kapaċita` u pari ta' l-edukazzjoni
**3.** Affermazzjoni
4. Azzjonijiet tal-bażi politika
**5.** Il-kultura bħala għodda għall-edukazzjoni fl-iżvilupp



## 1. RIĊERKA

Il-proġett jipprevedi dimensjoni ta' riċerka sabiex jiġi kompilat, jitħaddem u jiġi pubblikat **'database' multidimensjonali fuq DEAR**.
Jinkludi 'survey' dettaljat li jintbagħat lir-rappreżentanti tas-CSO u LA biex janalizzaw is-sitwazzjoni ta' DEAR f'livell ta' UE, nazzjonali u lokali.
Is-'surveys' huma intiżi biex **jipprovdu statistika ċara fuq is-sitwazzjoni DEAR fil-pajjiżi inklużi fil-proġett** u anke sabiex jirriflettu it-tagħrif u l-opinjoni ta' parteċipanti f'LADDER fuq kwistjonijiet DEAR.
Id-dimensjoni ta' riċerka tinkludi li jiġu identifikati stakeholders attivi f'DEAR f'livelli differenti (internazzjonali, UE, reġjonali u nazzjonali) kif ukoll riċerka 'desk-based' fuq azzjonijiet DEAR u attitudnijiet li Awtoritajiet Lokali, CSOs u ċ-ċittadini jistgħu jaddottaw fl-attivitajiet ordinarji u l-ħajja ta' kuljum.



## 2. TKABBIR TA' KAPAĊITA` U PARI TA' L-EDUKAZZJONI



TAĦRIĠ: Bosta taħriġ fuq DEAR, **intiżi speċifikatament għal rappreżentanti ta' l-LAs u CSOs**, huma organizzati f'3 livelli (livelli UE, nazzjonali u lokali).
Dawn l-attivitajiet huma ntiżi biex jinformaw u jagħti s-setgħa lill-**LAs u CSOs fir-rwol tagħhom ta' 'multipliers' fil-livell lokali** u jqajmu kuxxjenza fuq kwistjonijiet ta' żvilupp sostenibbli. Dan it-taħriġ huwa previst f'10 pajjiżi UE.



22-24 ta' Lulju 2015
Taħriġ Livell UE fuq DEAR
Zagreb, Kroazja

Focus Groups **Il-Focus Groups huma ntiżi għal edukaturi** (li jirrapreżentaw 'stakeholders' differenti: awtoritajiet lokali, għaqdiet tas-socjeta` civili, ecc) attivi fil-qasam ta' edukazzjoni informi. Dawn l-attivitajiet huma maħsuba biex jirriflettu fuq kwistjonijiet ta' edukazzjoni ta' l-iżvilupp, speċjalment id-dibattitu u skambju ta' metodoloġiji u għodda.
Huma maħsuba għal 10 pajjiżi UE.

"JOB SHADOWING" Il-proġett jipprevedi **"job-shadowing" għall-membri tal-konsorzju.**
L-għan huwa l-promozzjoni ta' koperazzjoni, li jiġi faċilitat it-tagħlim bejn pari, it-tkabbir u promozzjoni ta' skambji u tagħlim interkulturali. Il-missjoni ta' tagħlim bejn pari hija intiża sabiex tagħti lil esperti, ħaddiema tal-Gvern, 'trainers', staff ta' LAs u CSOs u rappreżentantti tal-konsorzju l-opportunita` **li jippartecipaw f'missjoni ta' skambju fuq kwistjonijiet relatati ma' DEAR**, billi jaħdmu ma' 'kollega' ieħor **fil-qasam ta' l-edukazzjoni ta' l-iżvilupp**. Il-'job-shadowing' ikopri il-pajjiżi kollha tal-ko-applikanti tal-konsorzju.

Fiera ta' l-Għodda Bħala 'follow up' ta' l-attivitajiet hawn fuq imsemmija, se tiġi organizzata "Fiera ta' l-Għodda". Dan l-avveniment se jippermetti **skambji ta' metodoloġiji,** prattiċi, esperjenzi u għodda DEAR fil-qasam ta' l-edukazzjoni ta' l-izvilupp.

## 3. AFFERMAZZJONI

Tematika ta' Affermazzjoni

PRIJORITAJIET: Il-proġett jagħti attenzjoni partikolari lil 6 temi, li jissejħu **Toroq Tematiċi**

- Iż-Żagħżagħ fl-iżvilupp
- Il-Migrazzjoni
- Il-parteċipazzjoni taċ-Ċittadini fl-iżvilupp
- Żvilupp sostenibbli u ambjentali
- Koperazzjoni bejn is-settur pubbliku u privat fl-iżvilupp
- Is-Sena Ewropeja għall-Iżvilupp 2015, u 'follow up'

**Għal kull tema hemm netwerk ta' għaqdiet** li jaħdmu konġuntivament biex iqajmu kuxxjenza fuq it-tema korrispondenti, jippromwovu u jassistu r-rwol ta' LAs u CSOs. Kull triq tematika għandha dimensjoni affermattiva, li tolqot **livelli u 'stakeholders' different fuq livelli UE, nazzjonali u/jew lokali.**

FOKUS ĠEOGRAFIKU: B'mod parallel ma' l-attivitajiet affermattivi tat-toroq tematici, il-proġett jinkludi **3 toroq ġeografici biex jestendi sa fejn jasal DEAR lejn Ewropa imkabbra.**
L-għan huwa li tqabbad l-UE mall-Vicinat Ewropew bil-promozzjoni u sapport tar-rwol ta' l-LAs u CSOs f'kwistjonijiet ta' żvilupp, u speċjalment fir-rwol tagħhom ta' nies li jġibu l-bidla fil-livell lokali.

It-toroq ġeograficì huma:
- **L-area ta' sħubija tal-Lvant**
- **L-area tal-Mediterran**
- **L-area ta' l-Ewropa tax-Xlokk**






## 4. L-APPOĠĠ GĦALL-ATTURI U ĊITTADINI TAL-BAŻI POLITIKA

### INIZJATTIVI TAĊ-ĊITTADINI:

Il-konsorzju LADDER jorganizza żewġ inizzjattivi taċ-ċittadini differenti. **Kompetizzjoni ta' 'Slogan', intiża biex tqajjem il-kuxxjenza taċ-ċittadini għal kwistjonijiet ta' żvilupp, hija maħsuba fil-pajjiżi kollha tal-proġett.**

Il-kompetizzjoni ta' 'slogan' hija maħsuba għal żagħżagħ u studenti ta' eta` bejn 10-18-il sena, li ġejjin minn skejjel ta' pajjiżi UE u mhux ta' l-UE. Ir-riżultati tal-kompetizzjoni (testi, 'slogans', kanzunetti, 'videos', tpinġija, eċċ.) ser isiru pubbliċi fuq is-sit elettroniku tal-proġett.

**It-Tieni inizjattiva tal-bażi politika hija l-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ġurnalisti Dan il-grupp huwa magħmul minn ċittadini ġurnalisti (mhux professjonali)**, li jirrappurtaw u jiktbu fuq suġġetti dwar żvilupp bħall-eradikazzjoni tal-faqar, l-iżvilupp, l-edukazzjoni, eċċ. Se jiġi mfassal netwerk ta' ċittadini ġurnalisti mall-pajjiżi koperti mill-proġett biex jippromwovi ir-rwol ta' l-individwi, u tas-settur privat u pubbliku f'kwistjonijiet ta' żvilupp globali b'implikazzjonijiet lokali.

In konkluzjoni, l-**inizzjattiva ċittadini ġurnalisti u l-Kompetizzjoni ta' 'Slogans' it-tnejn se jikkontribwixxu biex jikkomunikaw il-mod kif il-proġett iħares u jqajjem kuxxjenza fuq kwistjonijiet ta' żvilupp** b'mod attrajenti **għaċ-ċittadin ordinarju.** Dawn l-inizjattivi huma maħsuba fil-pajjiżi kollha tal-konsorzju.



## SKEMA 'RE-GRANTING'

**L-iskema 're-granting' se tgħin lill-għaqdiet u istituzzjonijiet lokali u tal-bażi politika biex jiżviluppaw proġetti lokali** li jindirizzaw kwistjonijiet urġenti li għandhom x'jaqsmu ma' l-edukazzjoni ta' l-iżvilupp billi jiffukaw fuq azzjonijiet zgħar li jipproduċu effett 'spill-over'. Dawn ir-rizultati ser iservu ta' eżempji u ispirazzjoni ghaċ-ċittadini, CSOs u LAs fuq kif tiġġenera attivitajiet kostruttiva u orjentati fuq ir-rizultat bil-mezzi limitati li spiss ikollhom. L-iskop ta' l-iskema 're-granting' huwa li tqajjem il-kuxxjenza tal-pubbliku fuq kwistjonijiet ta' żvilupp u tippromwovi l-edukazzjoni ta' l-iżvilupp sal-livell tal-bażi politika fl-UE, biex tqabbad politika ta' żvilupp fil-komunitajiet lokali filwaqt li tappoġġa l-partecipazzjoni attiva taċ-ċittadini f'attentati globali biex jiġi eradikat il-faqar u jigu promossi l-ġustizzja, id-drittijiet tal-bniedem u modi sostenibbli ta' għajxien. L-iskema 're-granting' se tiġi implimentata fit-28 Stat Membru ta' UE kollha.




## 5. KOMPONENT KREJATTIV

Il-Kultura hija element maġġur u konsiderevoli biex tikkomunika u tqajjem kuxxjenza. F'dan is-sens, il-proġett LADDER jaħseb għall-iżvilupp ta' **teatrin professjonali bħala mezz biex tikkomunika kwistjonijiet ta' żvilupp** billi jiftaħ idejh għall-pubbliku u ċ-ċittadini bil-lingwa universali ta' l-arti, il-mużika u t-teatru. L-iskop huwa, tabilħaqq, biex tispira liċ-ċittadini, tqajjem il-kuxxjenza tagħhom u tinformahom dwar sfidi ta' żvilupp permess tal- kultura **Il-preżentazzjonijiet** huma maħsuba li jsiru waqt il-perjodu ta' implimentazzjoni f'pajjiżi differenti tal-proġett.

## INFORMAZZJONI TA' L-ISFOND

### X'inhu DEAR?

DEAR, li huwa programm ta' l-UE ġestit minn DG DEVCO (International Development and Cooperation) tfisser Development Education and Awareness Raising u għandha l-għan li **tinforma c-cittadini UE** b'kwistjonijiet ta' żvilupp, timmobilita appoġġ ikbar għall-pubbliku għal azzjonijiet kontra l-faqar, tipprovdi liċ-ċittadini b'għodda biex jipparteċipaw b'mod kritiku f'kwistjonijiet ta' żvilupp globali, tkattar ideat ġodda u **tbiddel attitudnijiet lejn l-isfidi globali**.
**L-UE ddedikat programm speċifiku biex tasal ghal dawn l-għanijiet**, billi tappoġġa proġetti impimentati minn atturi tas-soċjeta` ċivili u awtoritajiet lokali. Għal iżjed informazzjoni, ara l-portal dedikat ta' l-Kummissjoni Ewropeja:
**https://ec.europa.eu/europeaid/sectors/human-rights-and-governance/development-education-and-awareness-raising_en**


4-6 ta' Novembru 2015
Taħriġ Livell UE fuq DEAR
Ateni, Greċja



## MIN AĦNA:

**Ko-applikanti =** membri tal-konsorzju li huma involuti b'mod attiv fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet.

**Imsieħba =** imsieħba li jikkontribwixxu u jipparteċipaw b'mod attiv fl-attivitajiet tal-LADDER

## Ko-applikanti

1. ALDA (kordinatur) European Association for Local Democracy (Franza)
2. Foster Europe Foundation for Strong European Regions (Awstrija)
3. JEF: Young European Federalists (Belġju)
4. ENNA: European Network of National Civil Society Associations (Belġju)
5. UBBSLA: Union of Bulgarian Black Sea Local Authorities (Bulgarija)
6. NAMRB: National Association of Municipalities in the Republic of Bulgaria (Bulgarija)
7. CAC: Croatian Association of Counties (Kroazja)
8. Municipality of Vejle (Danimarka)
9. NALAG National Association of Local Authorities of Georgia (Ġorġja)
10. EGTC Amphictyony (Greċja)
11. Donegal County Council (Irlanda)
12. TECLA: Associazione di Enti Locali per la Cooperazione Territoriale (Italja)
13. CIME: Consiglio Italiano del Movimento Europeo (Italja)
14. COPPEM: Comitato Permanente per il Partenariato Euromediterraneo delle Autorità Locali e le Regioni (Italja)
15. Progettarte Associazione culturale (Italja)
16. LALRG Latvian Association of Local and Regional Authorities (Latvja)
17. SOS Malta: Solidarity Overseas Service Malta (Malta)
18. Birgu Local Council (Malta)
19. URC Poland: Union of Rural Communes of the Republic of Poland (Polonja)
20. SKGO: Standing Conference of Towns and Municipalities (Serbja)
21. CEECN: Central and Eastern European Citizens Network (Slovakja)
22. UTCS Union of Towns and Cities of Slovakia (Slovakja)
23. SLOGA Slovenian Global Action (Slovenja)
24. The Hague Academy for Local Governance (l-Olanda)
25. Lam Echaml Association (Tunisija)
26. MMU: Marmara Municipalities Union (Turkija)
27. Fons Mallorquí de Solidaritat i Cooperació (Spanja)

## IMSIEĦBA:

1. ADD-Medenine Association pour le Développement Durable (Tunisija)
2. AAM: Albanian Association of Municipalities (Albanija)
3. FACM Algerian Forum for Citizenship and Modernity (Alġerija)
4. ALI: Agency for Legislative Initiatives (Ukrajna)
5. AMR: Romanian Municipalities Association (Romanija)
6. AKM: Association of Kosovo Municipalities (Kosovo*)
7. ALAL: Association of Local Authorities in Lithuania (Litwanja)
8. BINA NGO: Alliance for Municipality Development (Ażerbajġan)
9. CALM: Congress of Local Authorities from Moldova (Moldova)
10. North-South Centre of the Council of Europe (Portugal)
11. CFOA: Communities Finance Officers Association (Armenja)
12. CIRa: Center for Institutional Development (FYROM)
13. CISP: Comitato Internazionale per lo Sviluppo dei Popoli (Italja)
14. Civicus: World Alliance for Citizen Participation (South Africa)
15. Congress of Local and Regional Authorities, Council of Europe (Franza)
16. Lev Sapieha Foundation (Belarus)
17. REMESS: Réseau Marocain de l'Economie Sociale et Solidaire (Marokk)
18. SEEYN South East European Youth Network (Bosnia-Herzegovina)
19. SHATIL New Israel Fund (Iżrael)

**Għal iżjed informazzjoni dwar l-azzjonijiet differenti ta' LADDER**

Sit elettroniku LADDER **www.ladder-project.eu**
Sit elettroniku ALDA: **www.alda-europe.eu**

Preżentazzjoni video tal-Progett LADDER: **https://youtu.be/O8cr6UO0O8Q**

Segwina: **#LADDERproject / @ALDAeurope**
Kuntatt: **Uffiċju ALDA fi Brussell**

Rue Belliard 20 - B-1040 Brussell - Belġju
Telefon: **+32 (0)2 430 24 08**
E-mail: **ladder@aldaintranet.org**

www.ladder-project.eu

#LADDERproject

Din il-pubblikazzjoni ġiet mfassla bl-assistenza ta' l-Unjoni Ewropea Il-kontenut ta' din il-publikazzjoni hija r-responsablilita` unika ta' ALDA u b'ebda mod m'għandha titqies li tirrifletti l-pożizzjoni ta' l-Unjoni Ewropeja.